MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 299/2006

**Carmelo Zerafa (ID-188948M)**
**vs**
**M.M.S. (Shipping) Limited bhala agenti tas-socjeta` estera Genmar, armatur u/jew nolleggjatur tal-bastiment « MV Lady Virginie » u b'digriet tad-9 ta' Mejju, 2006 giet ordnata il-korrezzjoni fis-sens illi l-isem tas-socjeta` « Genmar », jinqara « Genta Genel Tasimacilik Denizcilik ve Ticaret Ltd STI»**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 t'April, 2006, fejn intalab il-hlas ta' elf u mija u tnejn u disghin lira Maltija (Lm1192.00), rapprezentanti telf ta' qliegh soffert mill-attur wara korriment dovut ghal incident fuq il-vapur MV Lady Virginie li sehh fil-5 ta' Dicembru, 2004, liema incident sehh unikament tort u htija tas-socjeta` konvenuta minhabba negligenza,**

**imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sahha u sigurta` fuq il-post tax-xoghol da parti taghha.**
**Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta` konvenuta li hi ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fis-26 ta' April, 2006 fejn intqal :**
**Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi ma kien hemm nuqqas da parti tal-vapur jew tal-impjegati taghha, u ghalhekk ma hemmx responsabilita` ghall-incident.**
**Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost trid issir il-prova tad-danni reklamati.**
**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmelo Zerafa, George Arapa, Ronald Galea u George Cini. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Dan il-kaz jirrigwarda incident li sehh fuq il-bastiment « MV Lady Virginie » fil-5 ta' Dicembru, 2004. Fl-incident sefa' imwegga l-attur, li jahdem bhala port worker, u b'konsegwenza ta' dan l-istess attur ma setghax jidhol ghax-xoghol ghall-perijodu ta' zmien cioe mill-5 sat-28 ta' Dicmebru, 2004.**
**2. Jirrizulta mill-provi mismugha li l-attur kien fl-istiva tal-vapur ma siehbu Georga Arapa, qed jistennew li jinzlu zewg gancijiet bil-crane biex jinqabdu mazzi tal-hadid u jtellghuhom mill-istiva. Kull impjegat kellu jaqbad ganc wiehed.**
**3. Jirrizulta li fl-istiva kien hemm dawn il-vireg tal-hadid, u kien difficli biex wiehed jimxi malajr fuqhom, cioe` ma setghax wiehed jimxi b'heffa, izda kellu jaghmel passi bil-mod.**
**4. Jirrizulta li hu u niezel ghall-go l-istiva dan il-ganc kien qed jixxengel. Jidher li din hi haga normali fil-port. L-attur kellu jaqbad dan il-ganc, pero` gara li l-ganc laqatlu sidru.**

**5. L-attur dak il-hin weggha pero` ma hass xejn izjed, izda filghhaxija qabdu ugiegh, u gie konstatat li kellu ferita f'sidru u li ma kienx kapaci jidhol ghax-xoghol.**

**6. Jirrizulta li bhala procedura f'tali xoghol, waqt li l-ganc ikun niezel, ikun hemm persuna barra mill-istiva li jaghmel sinjal lil persuna li jkun qed jimmanigga l-crane, sabiex jindikalu fejn ghandu jinzel il-ganc.**

**7. Gie konstatat illi ix-xoghol isir b'certa ghaggla, biex jigi evitat dewmien. It-Tribunal japprezza il-fatt li l-affarijiet isiru b'heffa, pero` dana mghandu qatt ikun a skapitu tas-sahha tal-haddiem.**

**8. F'dan il-kaz il-ganc nizel jixxengel, haga naturali ghal min ghandu bazi ta' fisika. Il-ganc nizel kif indikat. Il-persuna li kien hemm barra milll-istiva seta jara il-ganc niezel jixxengel u ma ta' ebda indikazzjoni lil min kien fl-istiva biex jippresta aktar attenzjoni. Il-ganc` nizel b'certa velocita`, li per se hi l-velocita` normali f'cirkostanzi simili, pero` jixxengel izzejjed, u f'cirkostanzi tali li l-attur ma kellux hin jiccaqlaq biex jevitah. Jigi enfasizzat li fejn kien l-attur ma setghax jaghmel movimenti bruski, u anke biex jaghmel pass wiehed lura kellu jaghmlu bil-mod. L-attur qabad il-ganc, pero` mhux qabel dan ma laqatlu sidru.**

**9. Kif irrileva it-Tribunal waqt is-smiegh tal-kaz, dana l-incident seta' jigi facilment evitat bi ftit ta' proceduri semplici ghas-sigurta` tal-haddiem fuq il-post tax-xoghol, bhal semplici virga hafifa tal-injama jew materjal aktar hafif li twaqqaf jew tnaqqas l-ondulazzjoni tal-ganc hu u diehel fl-istiva, jew qabel ma jinqabad. F'dan is-sens it-Tribunal huwa tal-fehma li jaghmel rakkomandazzjoni qawwija sabiex jigu riveduti certi proceduri dwar sigurta` ghall-haddiema tal-port, fejn jidher li semplici ingwanti, boots u helmet, mhux sufficenti.**

**10. Jirrizulta li hu l-agent tal-vapur li jaghmel ir-rikjesta ghall-haddiema biex ihottu, u huwa wkoll l-agent li jhallas is-sigurta nazzjonali ta' tali haddiema. Hemm obbligu da parti ta' min jimpjega li jigu evitati riskji bhalma kien f'dan il-kaz. Apparti minn dan, ghandhu jinghad ukoll li l-akbar interess li jehles ix-xoghol huwa tal-vapur, pero` b'ebda mod ma ghandu dan iqieghed is-sahha tal-haddiem fil-perikolu.**

**11. Ghalhekk fic-cirkostanzi is-socjeta` konvenuta ghandha thallas ghat-telf ta' xoghol tal-attur.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elf u mija u tnejn u disghin lira Maltija (Lm1192.00), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tenut kont tan-natura partikolari tal-istess kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**It-Tribunal jordna li kopja ta' din d-decizjoni tigi komunikata lill-Occupational Health and Safety Authority (17 Triq Edgar Ferro, Pieta`).**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------